**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA’ NHAR IT-TNEJN, 2 TA' LULJU, 2001**

*Avviz. Nru 1566/00 AJD*

Grima Communications Limited

vs

Reno Bugeja

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Settembru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u zewg liri Maltin u erbghin centezmu (Lm202.40), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz ta' pakkett ta' reklami li l-konvenut ordna fuq l-istazzjon tar-Radju Live FM. Minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenut baqa' inadempjenti.
Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante li l-istess socjeta' ma ottemperatx ruhha mal-kundizzjonijiet li gew stipulati meta sar il-ftehim, u dan minghajr ebda raguni valida fil-Ligi, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi inoltre, t-talba attrici hija intempestiva ladarba qatt ma saret interpellazzjoni mis-socjeta' attrici ghall-hlas.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Sema' x-xhieda ta' Michael Zammit prodott mis-socjeta' attrici u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti.

Ra l-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju, 2001, u d-digriet li nghata f'din is-seduta fejn gie ordnat l-isfilz tax-xhieda moghtija minn Joe Grima fit-8 ta' Mejju, 2001, u dan wara li saret talba mill-konvenut f'dan is-sens peress illi s-socjeta' attrici kienet iddikjarat li ghalqet il-provi taghha fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2001.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-partijiet iffirmaw kuntratt fil-11 ta' Gunju, 1998, fejn is-socjeta' attrici obbligat ruhha li titrasemetti sitt riklami tar-'restaurant' propjeta' tal-konvenut kuljum ghall-tlett xhur ghall-prezz ta' sitta u hamsin centezmu (56c) kull riklam. Il-konvenut kellu jhallas 'deposit' ta' mitt lira Maltin (Lm100.00). Fl-ahhar ta' kull xahar is-socjeta' attrici kellha tibghat il-kont ghar-riklami trasmessi f'dak ix-xahar.

Illi Michael Zammit prodott mis-socjeta' attrici esibixxa kopja tal-kuntratt in kwistjoni (Dok. MZ1), kif ukoll 'statement of account' (Dok. MZ4) u zewg dokumenti Dok. MZ2 u Dok. MZ3 li jidher li jindikaw ir-riklami li saru f'Mejju u Gunju tal-1998.

Illi l-konvenut xehed li huwa kien iffirma l-kuntratt (Dok. MZ1) mas-socjeta' attrici fil-11 ta' Gunju, 1998, u r-riklami kellhom jibdew dakinhar stess. Huwa hallas depozitu ta' mitt lira Maltin (Lm100.00) mal-iffirmar tal-kuntratt u kellu jircievi kont tar-riklami trasmessi fl-ahhar tax-xahar. Il-konvenut jghid li huwa beda jsegwi l-istazzjon Live FM sa mill-ghada stess tal-iffirmar tal-kuntratt u rrizultalu li bdew jigu trasmessi zewg riklami kuljum minflok sitta kif miftiehem. Wara jumejn huwa cempel lil Joe Grima, id-direttur tas-socjeta' attrici, u dan tah il-hinijiet li fihom suppost kellhom jigu trasmessi r-riklami, izda nonostante cio' r-riklami xorta ma kienux qed jigu trasmessi kif miftiehem. Il-konvenut ghalhekk rega' cempel lil Joe Grima u tah istruzzjonijiet sabiex jitrasmetti riklami ghall-valur tal-mitt lira Maltin (Lm100.00) li kien gie mhallas bhala 'deposit' u sussegwentement ma jkomplix jittrasmetti riklami ghax-xahrejn rimanenti. Il-konvenut spjega li fl-ewwel xahar darba biss ir-riklami saru kif suppost u fit-tieni xahar saru riklami b'mod irregolari.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' attrici naqset milli tonora l-ftehim bejn il-partijiet tal-11 ta' Gunju, 1998, fis-sens illi ma trasmettitx ir-riklami kif patwit u ghalhekk il-konvenut huwa gustifikat li ma jhallasx l-ammont pretiz minnha.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezjoni sollevata mill-konvenut u konsegwentement jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra s-socjeta' attrici.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR